MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Numru. 128/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Versus**

**Generoso Barbara**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Generoso Barbara ta' 23 sena, iben Nazzareno u Jospehine nee Abela mwieled il-Pieta'nhar it-8 ta' Diċembru 1978 u residenti fil-fond numru 57 Triq Dun Mikiel Cassar Żejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 582778 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar ta' Diċembru 2001 u t-tliet xhur ta' qabel goż-Żejtun u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

a) talli kellu fil-pussess tiegħu rr-aża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 t'Awwissu 2001 u s-sena ta' qabel beigħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Mediak u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu ebda lawtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija Liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

ċ) ukoll talli fl-istess żmien, data u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat u l-artikolu 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-istqarrija tal-imputat a fol 2, iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 5827 tal-1978, il-fedina penali nadifa tiegħu, l-ordinijiet tal-Avukat Ġenerali tas-27 t'Awwissu 2002, il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera (fol 16), u d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 (fol.11).

Fl-istqarrija tiegħu, magħmula fit-13 ta' Marzu 2002, l-imputat qal li kien ilu juża l-ecstasy dawn l-aħħar sena u nofs . Huwa kien jeiħu tnejn. Huwa qal ukoll li ġieli 'neħħa' xi ħaġa lil sħabu għax dawn kienu jgħidulu biex jixtrilhom u hu kien jixtri ma' tiegħu u jġibhom għal sħabu. Huwa kien iżommilhom l-istess prezz li kienu jiġu lilu. L-aħħar darba li kien ta minn dawn il-pilloli kien bejn il-15 u s-16 t'Awwissu 2001. L-aħħar darba li kienu uża l-ismoke kien xi erba' jew ħames xhur qabel. L-aħħar li kien uża l-

ecstasy kien f'Ġunju 2001. Huwa kien ta lil sħabu xi sitt darbiet.

L-istqarrija kienet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Il-Probation Officer Carmen Nygaard fir-rapport tagħha qalet li l-imputat għandu background familjari stabbli. Hu ma kien instablu xejn konness mad-droga iżda fl-istqarrija tiegħu kien qal li ġieli xtara għal xi persuni. Huwa qatt ma xtarfa għal xi ħadd li ma kellux il-vizzju tad-droga. Huwa għamel kors fil-Caritas kif ukoll fid-Detox. L-imputat ma kienx tilef l-impieg tiegħu.

Konisderazzjonijiet tal-Qorti

Dwar l-ewwel imputazzjoni. Dan ir-reat huwa allegat li sar fix-xahar ta' Diċembru 2001 u t-tliet xhur ta' qabel. L-imputat qal li l-aħħar li kien uża l-ismoke kien ħames xhur qabel jiġifieri, jekk wieħed jieħu d-data tal-istqarrija bħala bażi – 13 ta' Marzu 2002 – l-perjodu jiġi 13 t'Ottubru 2001. Għalhekk ir-reat kien ammess u dan sar fil-parametri tad-data indikata. Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni. L-imputat qal li kien ilu juża l-ecstasy f'dawn l-aħħar sena u nofs. Mid-data tal-istqarrija lura, dan iż-żmien iwassal sat-13 t'Ottubru 2000. L-aħħar li kie ta minn dawn il-pilloli kien bejn il-15 u s-16 t'Awwisu 2001. Għaldaqstant m'hemmx dubju li l-imputat kien ta l-ecstasy lil sħabu fil-parametri taż-żmien mogħti fl-imputazzjoni għall-anqas darba. Fl-imputazzjoni hemm referenza 'għal sena qabel' li twassal għal 15 t'Awwissu 2000. L-imputat stqarr li 'ġieli' ta lil sħabu u li hu kien ilu juża l-ecstasy sena w nofs li mkejlin mid-data tal-istqarrija jwasslu għat-13 t'Ottubru 2000. Għalhekk jirriżulta li l-għoti ta' l-ecstasy sar fil-parametri mogħtija fl-imputazzjoni u l-Qorti qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni – pussess ta' ecstasy – dan huwa ppruvat mill-istqarrija stess u miż-żmien indikat.

Bħala linja difensjonali, d-difiża qalet li dan huwa każ ta' sharing għax l-imputat ma kienx jagħmel qligħ meta kien jixtri l-ecstasy għan-nom ta' sħabu.

Il-Qorti kkonsidrat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz 'Il-Pulizija versus Marco Galea' hija u tinterpreta l-proviso li kien introdott bl-Att XVI tal-2006. Fil-fehma tal-Qorti hemm differenza bejn l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali– interpretazzjoni msejsa fuq analiżi grammatikali u lessikali tal-proviso – u marbuta ma' konsum ta' darba fil-post mill-fatti odjerni. L-imputat xtara għal ħadd ieħor aktar minn darba u għalhekk il-Qorti ma tistax tara kif tista' tapplika l-proviso fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii)u 120A(2B) tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tielet imputazzjoni dedotta fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis:

(a) li l-imputat għandu fedina penali nadifa;
(b) li huwa jimmerita li jibbenefika mill-arftikolu 29 tal-Kap 101 (jew l-artikolu 120A(2B) tal-Kap 31) u dan f'żeġ gradi;
(ċ) lil-każ seħħ fis-sena 2001 u għalhekk l-imputat għadda żmien twil ta' qitgħ il-qalb;
(d) ir-rapport tajjeb dwar l-imputat imħejji mill-Probation Officer;

Għaldaqstant qed tikkudnanna lill-imputat għall-priġunrija ta' xahrejn u għall-ħlas ta' multa ta' €234 liema multa tista' titħallas b'rati ta' ħamsin Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Fin-nuqqas ta' ħlas tal-multa din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------